# Skavi Arkeoloġiċi ġewwa l-Iskola Sekondarja Ġdida f'Ħal Kirkop

**Christian Mifsud**
MA Baroque Studies (Melit), BA Archaeology & Anthropology (Melit),
Uffiċjal tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali
**Karl Cachia**
BA (Hons)Archaeology (Melit) Arkeologu responsabbli mill-proġett

*Meta għall-ħabta ta' Ġunju tal-2015, waqt xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-iskola sekondarja l-ġdida biswit il-Kulleġġ San Bendittu, tħabbar li kienu nstabu numru sabiħ ta' oqbra, ħafna kienu dawk li bdew jistaqu għal aktar informazzjoni. Ix-xogħol ta' studju li sar wera li din l-art u l-pajsaġġ fil-madwar jagħtina ħafna aktar informazzjoni apparti l-oqbra. F'dan il-perjodu kompliet ir-riċerka u llum ninsabu f'pożizzjoni li nippreżentaw dan l-istudju minn Christian Sammut mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u l-arkeologu Karl Cachia li kien responsabbli minn dan il-proġett. F'isem il-komunità Koppija nirringrazzjahom talli ser jgħinuna napprezzaw u nżidu ħolqa oħra fit-tagħrif storiku Koppi.*

Fl-2015, il-bini tal-iskola sekondarja ġdida kien opportunità unika ta' studju estensiv tal-pajsaġġ u riċerka arkeoloġika viċin l-oqbra Paleokristjani fil-periferija ta' Ħal Kirkop. Xhur qabel beda l-bini u bħala preparament għal dan ix-xogħol, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali talbet li l-għelieqi li jifformaw is-sit propost għall-bini tal-iskola jiġu investigati għall-possibilità ta' fdalijiet arkeoloġiċi li seta' jkun hemm fis-sit.



***Panoramika tas-sit (ritratt tal-awturi)***

Din iż-żona kienet tkopri ftit inqas minn erbatax-il elf metru kwadru. Fil-passat kien hemm diversi skoperti ta' fdalijiet fosthom il-kappella ta' San Ġakbu, li aktarx tmur lura għal perjodu medjevali u anki xi oqbra fi Triq il-Paleokristjani. Kien hemm ukoll il-ħajt tal-matla, li minn fuqu

nies u bdiewa tal-inħawi kienu jaqsmu għal-għeliqi. Kien hemm ukoll anki diversi għejdut dwar xi fdalijiet ta' difniet u katakombi oħra li nstabu maż-żminijiet u li għal diversi raġunijiet ma kienx għadhom visibbli jew aċċessibbli.

Taħt id-direzzjoni tas-Sovrintendenza, it-tim ta' arkeoloġisti mmexxija mis-sur Karl Cachia bdew ix-xogħlijiet ta' investigazzjoni. Hekk kif beda dieħel iż-żmien u miexi x-xogħol, bdew jiġu rrapurtati diversi skoperti interessanti. Ix-xogħlijiet bdew min-naħa tal-Lidl fejn ftit mill-fdalijiet li nstabu kienu relatati ma' diversi qtugħ ta' barrieri fil-wiċċ tal-blat. Kien hemm ukoll diversi trinek u gandotti li ġew identifikati għal użu agrikolu, aktarx relatati mat-tħawwil tad-dwieli jew żebbuġ. Ġiet identifikata wkoll *crater* ta' bomba, testimonjanza tal-bumbardamenti li sofrew dawn l-inħawi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Hekk kif ix-xogħol resaq lejn iż-żona ta' Triq il-Paleokristjani, il-wiċċ tal-blat inbidel kompletament u spiċċaw il-qtugħ tal-barrieri. F'din iż-żona ġew identifikati 10 qobra u katakombi ta' daqs u perjodi varji. Dawn il-fdalijiet kienu mferrxin f'żewġ ringieli fuq żewġ naħat ta' żona ta' blat lixxa u li probabilment fuqha kien hemm mibnija xi triq. Il-katakombi ta' Triq il-Paleokrisjtani kienu wkoll jagħmlu parti min din iż-żona ta' difniet u jinsabu wkoll fuq l-istess linja.



***Żewġ ringieli ta' oqbra bi triq fin-nofs (ritratt tal-awturi)***

Għalkemm xi fdalijiet kienu magħrufa fl-inħawi, ftit iżda bassru li seta' jkun skopert ammont sostanzjali ta' difniet u arkeoloġija tal-pajsaġġ ippreservata daqshekk tajjeb kif instabet f'dan is-sit. Il-livell ta' preservazzjoni tas-sit ippermetta li mhux biss jiġu investigati l-fdalijiet tal-oqbra skoperti, iżda wkoll kull element li seta' jagħti aktar informazzjoni dwar it-trasformazzjoni tal-pajsaġġ. L-iskoperti li saru fis-sit jistgħu jinqasmu kronoloġikament f'erba' fażijiet prinċipali, hekk kif ġej:

L-ewwel fażi tikkonsisti primarjament mill-oqbra u l-livellament tal-blat ta' bejniethom li jifformaw il-linja tat-triq. Kienet drawwa li oqbra klassiċi jiġu mibnija jew imħaffra maġenb triq, possibilment fi triq importanti jew inkella f'xi tarf ta' xi propjetà biex jiddemarkaw żona. Ftit li xejn nafu dwar minn fejn kienet ġejja u l-fejn kienet twassal din it-triq peress li skoperti dwar it-toroq ta' żmien klassiku ftit li xejn nafu dwarhom u ħafna minnhom ġew inkorporati maż-żminijiet fit-toroq li għandna llum.

Il-varjetà ta' oqbra li nstabu jvarjaw minn oqbra singoli, għal oqbra doppji aċċessibbli minn xaft u anki katakombi ta' daqs żgħir. Id-diversità ta' tipi li nstabu jindikaw li dawn ġew miżjuda matul iż-żminijiet bejn il-perjodu Ruman bikri sal-perjodu Ruman tardiv u wara t-tielet seklu W.K. Ħafna minn dawn l-oqbra kienu diġà ġew imbattla fi żmien antik, għalhekk ftit li xejn ħareġ materjal ta' importanza arkeoloġika. Biss, qabar wieħed ta' daqs estenstiv u li possibilment kien jikkonsisti minn xaft u diversi difniet mad-dawra tal-aċċess ċentrali, ta' indikazzjonjiet li l-oqbra baqgħu jintużaw mhux biss għad-difna inizjali imma anki wara għal difniet oħra. Dan ġie dedott minn għadam miġbur ta' aktar minn individwu wieħed. Minn skavi oħra nafu

li din kienet tradizzjoni biex ċerti oqbra jibqgħu jintużaw, possibilment minn nukleu familjari mingħajr ma jitħaffru oqbra ġodda. Dawn l-iskavi biss illimitaw l-identifikazzjoni ta' materjal li hu preservat fi stat tajjeb biex b'hekk jiġi protett bil-possibilità li jsiru aktar studji fuq dawn l-oqbra fil-futur, b'metodi ta' riċerka aktar avvanzata.





***Katakomba u aċċess għall-qabar (ritratti tal-awturi)***

It-tieni fażi tikkonsisti minn diversi gandotti u kanali marbutin mal-immaniġjar tal-ilma u tkabbir ta' dwieli jew siġar taż-żebbuġ. Diffiċli tagħti data eżatta meta sar dan ix-xogħol, aktar u aktar peress li s-sit ġie mmodifikat kemm-il darba. Madanakollu nafu li l-aktar parti bikrija ta' dawn il-gandotti jistgħu jkunu tal-istess perjodu jew ftit aktar tardivi mat-triq u l-oqbra peress li dawn isegwu jew inkella jduru madwar dawn tal-aħħar.

Il-fażi li jmiss tikkonsisiti f'diversi tqattigħ ta' barrieri tal-wiċċ. Għal darb'oħra, id-dati preċiżi ma' ġewx identifikati minħabba nuqqas ta' stratigrafija li setgħat tiddata dawn l-elementi. Nafu biss biċ-ċert li dawn il-barrieri saru wara li s-sit ma baqax iservi l-użu agrikolu tiegħu għat-tkabbir tad-dwieli jew siġar taż-żebbuġ.



***Barrieri u trinek tad-dwieli jew żejt (ritratt tal-awturi)***



***Barriera, trinek agrikoli u spjanatura (ritratt tal-awturi)***

Ir-raba' fażi identifikata hija dik tal-użu agrikolu, u li prattikament baqgħet tintuża sal-lum. Wara li l-barrieri ma baqgħux jintużaw, iż-żona reġgħet ġiet ikkonvertita f'għelieqi. Diversi qtugħ fil-blat, linji u toqob ġew identifikati bħala hekk imsejħa *'spjanatura'*. Din kienet sistema fejn l-uċuħ tar-raba kienu jitneħħew biex jinkixef il-blat biex jiġi mqatta' u llivellat fejn jitħallew diversi linji żgħar fil-wiċċ tal-blat. Dan kien isir biex jikkreaw lok għall-għeruq biex jidħlu fil-blat u jixorbu l-ilma u nutrijienti. Dan il-metodu jissema f'diversi trattati dwar l-agrikoltura tas-sekli sittax u anki sbatax madwar Malta u f'diversi pajjiżi oħra madwar il-Mediterran.

Ma nstabet ebda evidenza oħra għal fażijiet oħra jew għal diversifikazzjoni tal-użu tas-sit, biss ir-riċerka turi li possibilment, dawn it-trasformazzjonijiet bidlu l-pajsaġġ b'tali mod li l-użi tal-passat ġew meqruda, possibilment waqt it-tqattigħ tal-blat għall-barriera, jew anki għall-*'ispjanatura'*.

Dan is-sit wera biċ-ċar il-kumplessità tal-pajsaġġ Malti, fejn anki għalqa għandha potenzjal moħbi ta' informazzjoni dwar il-passat. Is-sabiħ tal-arkeoloġija u r-riċkerka mhuwiex biss fil-faxxinu li tiskopri oġġetti ta' valur u fdalijiet ta' nies li kienu jgħixu fil-passat. Il-valur primarju tiegħu jinsab fl-informazzjoni miġbura b'mod xjentifiku. Ħafna drabi dan ma tantx jingħata importanza jew jiġi rreklamat. Madankollu l-materjali kollha li jinsabu fl-iskavi jipprovdu l-materja prima biex l-arkeoloġist, u anki studjużi minn dixxiplini oħra jagħmlu l-istudji neċessarji u jaslu għal konklużjonijiet mhux biss dwar l-użu tas-siti, iżda wkoll dwar il-ħajja u tradizzjonijiet fil-passat.

Kull skoperta arkeoloġika tibni fuq riċerka u skavi oħra ta' qabilha. Flimkien ma' informazzjoni miġbura minn siti oħra fiż-żona tal-madwar, inkluż Ħal Safi, iż-Żurrieq u l-Imqabba, il-kas tal-

iskola sekondarja ġewwa Ħal Kirkop ta lir-riċerkaturi stampa ċara u anki ikkjarifika diversi ipoteżi li s'issa kienu għadhom ma ġewx ikkonfermati. Meta ġew imqabbla ma' siti oħra, stajna nikkonfermaw ċertu attività intensiva u fuq skala akbar milli kien maħsub.

Huwa maħsub li wara li din iż-żona ġiet użata bħala nekropoli għal diversi ġenerazzjonijiet, fi żminijiet iktar tardivi, id-dfin ma baqax isir hemm. Huwa possibbli li maż-żmien dawn l-oqbra sabu ruħhom imdawra minn għelieqi jew ġonna, fejn possibilment serva bħala sit ta' memorja u rikordju tal-antenati, hekk kif illum iservu diversi plakekk tal-irħam jew ġebel imxerrda mat-toroq tagħna fejn ikunu seħħew xi traġedji.

Maż-żminijiet iżda, beda jsir xi tqattigħ tal-blat mill-wiċċ. Mhux ċar iżda f'liema perjodu dan it-tqattigħ kien qed isir. Il-fatt li tqattigħ ma messx l-oqbra jista' jindika li min kien qiegħed jagħmel il-qtugħ tal-blat kien iqis id-difniet bħala importanti u għaldaqstant ma resaqx lejhom. Iż-żona maż-żminijiet inbidlet u ġiet żona agrikola fejn l-art kienet tiġi maħduma b'metodi mhux daqshekk komuni u li kienu jinvolvu ħidma estensiva ta' preparazzjoni.

Skoperta ta' dan il-kalibru ssarraf f'ħafna sigħat twal ta' riċerka, mhux biss waqt l-iskavi iżda anki wara. Riċerka li trid tibqa' għaddejja biex nifhmu aktar dak li l-ġenerazzjoni tagħna wirtet mingħand ta' qabilna.

Għalkemm is-sit illum ġie mgħotti u qiegħed iservi ta' skola, ħafna minn dawn il-fdalijiet ġew ippreservati taħt l-istess binja. Saru wkoll modifiċi lid-disinn approvat u anki pjanti ġodda biex l-iskola tevita li tagħmel ħsara lil fdalijiet arkeoloġiċi. Ġiet meħuda wkoll id-deċiżjoni li xi fdalijiet jiġu integrati fil-librerija tal-iskola, kemm minħabba l-importanza tal-iskoperta, kif ukoll minħabba l-użu strateġiku tagħha bħala għodda edukattiva. Fl-aħħar mill-aħħar l-iskop primarju tar-riċerka hija li tinforma u trawwem interess fil-ġenerazzjonijiet tal-futur, u twassal ir-riċerka u valorizzazjoni tal-patrimonju arkeoloġiku lokali.



***Fdaljiet inkorporati f'parti mill-binja tal-iskola (ritratt tal-awturi)***